Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2601

22.11.2023

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2601

tal-20 ta' Novembru 2023

li tistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-ġestjoni tal-funzjonalità għall-ġestjoni ċentralizzata tal-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jaċċessaw is-Sistema ta' Dħul u Ħruġ u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata *data* dwar id-dħul u l-ħruġ u *data* dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) it-tieni paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir, viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza (ir-Regolament VIS) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/2226 stabbilixxa s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (Entry/Exit System, EES) bħala sistema li tirreġistra elettronikament il-ħin u l-post tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitħallew jidħlu għal soġġorn qasir fit-territorju tal-Istati Membri u li tikkalkula t-tul ta' żmien tas-soġġorn awtorizzat tagħhom.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 stabbilixxa s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) għall-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn qasir, viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, u dwar id-deċiżjoni meħuda biex il-viża tiġi annullata, revokata jew estiża.

(3) L-aċċess għall-EES jew għall-VIS biex tiddaħħal, titħassar jew tiġi kkonsultata d-*data* jenħtieġ li jkun limitat għal persunal awtorizzat kif xieraq tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' kull Stat Membru.

(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl- Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ("eu-LISA") u lill-Kummissjoni dwar il-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti intitolati fil-livell nazzjonali li jdaħħlu, jemendaw, iħassru jew jikkonsultaw id-*data* fl-EES jew fil-VIS.

(5) Jenħtieġ li l-listi jiġu ġestiti ċentralment permezz ta' funzjonalità stabbilita skont l-Artikolu 9(2), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Artikolu 6(5) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008.

(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jispeċifikaw il-fini għall-aċċess għad-data tal-EES jew tal-VIS għal kull awtorità nazzjonali kompetenti fil-listi notifikati.

(7) Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-ġestjoni tal-funzjonalità tal-ġestjoni ċentralizzata tal-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

([1]) ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20.
([2]) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.

(8) Peress li r-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jimxu fuq il-passi tal-acquis ta' Schengen, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka nnotifikat id-deċiżjoni tagħha li timplimenta r-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2021/1134 fil-liġi nazzjonali tagħha. Għalhekk, id-Danimarka hija marbuta b'din id-Deċiżjoni.

(9) Fir-rigward tal-Irlanda, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tieħux sehem ([4]); għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(10) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar dawk l-Istati assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([5]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti A u B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([6]).

(11) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([7]) li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti A u B, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([8]).

(12) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([9]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punti A u B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ([10]).

(13) Fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija, b'rabta mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-att dwar ir-Regolament (UE) 2017/2226, peress li l-verifika skont il-proċedura ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli tlestiet b'suċċess, kif ikkonfermat mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 u l-10 ta' Ġunju 2011 dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen tal-Bulgarija u tar-Rumanija, id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta'

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11).

([4]) Din id-Deċiżjoni taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

([5]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

([7]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

([9]) ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

Schengen iddaħħlu fis-seħħ bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 ([11]) u d-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen relatati mal-VIS ddaħħlu fis-seħħ bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908 ([12]), il-kundizzjonijiet kollha għat-tħaddim tal-EES stabbiliti fl-Artikolu 66(2)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2226 ġew ssodisfati u dawk l-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li joperaw is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ mill-bidu tal-operazzjonijiet. Id-dispożizzjonijiet taħt dan l-att jikkonċernaw ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, jikkostitwixxu att li jimxi fuq il-passi tal-acquis ta' Schengen jew li huwa altrimenti relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 ([13]).

(14) Fir-rigward ta' Ċipru u l-Kroazja, b'rabta mad-dispożizzjonijiet taħt dan l-att li jirrigwardaw ir-Regolament (UE) 2017/2226, l-operar tal-EES jirrikjedi l-għoti ta' aċċess passiv għall-VIS u li jitpoġġew fis-seħħ id-dispożizzjonijiet kollha tal-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill rilevanti. Dawk il-kundizzjonijiet jistgħu jiġu ssodisfati biss ladarba l-verifika skont il-proċedura ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli tkun tlestiet b'suċċess. Jenħtieġ li l-EES titħaddem biss minn dawk l-Istati Membri li jissodisfaw dawk il-kundizzjonijiet fil-bidu tat-tħaddim tal-EES. L-Istati Membri li ma jkunux qegħdin iħaddmu l-EES mill-bidu tal-operazzjonijiet jenħtieġ li jkunu konnessi mal-EES f'konformità mal-proċedura stabbilita fir-Regolament (UE) 2017/2226 ladarba jiġu ssodisfati dawk il-kundizzjonijiet kollha. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni li jikkonċernaw ir-Regolament (KE) Nru 767/2008, jikkostitwixxu att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen jew li b'xi mod ieħor huwa relatat miegħu, fis-sens tal-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003 ([14]).

(15) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]) u ta l-opinjoni tiegħu fl-24 ta' Marzu 2023.

(16) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Fruntieri Intelliġenti, stabbilit bl-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Kontenut u format tal-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw liema awtoritajiet nazzjonali kompetenti li l-persunal tagħhom, awtorizzat kif xieraq, huwa intitolat li jdaħħal, jemenda, iħassar jew jikkonsulta d-*data* tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), fil-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għal kull sistema rispettivament, imsemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 ("listi ta' awtoritajiet").

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/934 tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-*acquis* ta' Schengen marbuta mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u fir-Rumanija (ĠU L 165, 2.7.2018, p. 37).

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1908 tat-12 ta' Ottubru 2017 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li jirrigwardaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 269, 19.10.2017, p. 39).

([13]) Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203).

([14]) It-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Iżvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri tal-Unjoni Ewropea) u r-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 17).

([15]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

2. L-eu-LISA għandha tipprovdi tabella standard li għandha tiġi editjata mill-Istati Membri biex joħolqu u jeditjaw il-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fil-paragrafu 1.

3. It-tabella msemmija fil-paragrafu 2 għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja, li ma għandux ikun fiha *data* personali, għal kull awtorità nazzjonali kompetenti li tipproċessa *data* fl-EES jew fil-VIS:

(a) l-isem tal-Istat Membru;

(b) l-identifikatur uniku tal-awtorità;

(c) l-isem tal-awtorità;

(d) id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità;

(e) il-perjodu ta' validità tal-aċċess għas-sistemi;

(f) l-iskop tal-aċċess;

4. It-tabella msemmija fil-paragrafu 2 għandu jkun fiha għażliet ta' filtrazzjoni li jippermettu t-tfittxijiet. [L-għazliet ta' filtrazzjoni għandha tinkludi mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-Istat Membru;

(b) l-identifikatur uniku tal-awtorità;

(c) isem l-awtorità;

Artikolu 2

Żvilupp ta' funzjonalità li tamministra l-listi tal-awtoritajiet

1. l-eu-LISA għandha tiżviluppa u tospita l-funzjonalità għall-ġestjoni ċentralizzata tal-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 1(1).

2. Il-funzjonalità għall-ġestjoni ċentralizzata tal-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandha tippermetti l-iżvilupp ulterjuri tagħha għall-ġestjoni ċentralizzata ta' listi addizzjonali ta' awtoritajiet kompetenti li jużaw sistemi oħra tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

3. L-eu-LISA għandha tintegra l-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti pprovduti mill-Istati Membri fil-funzjonalità msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. L-eu-LISA għandha tkun responsabbli għall-manutenzjoni teknika tal-funzjonalità msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 3

Ġestjoni tal-funzjonalità

1. Il-funzjonalità msemmija fl-Artikolu 2(1) għandha tippermetti lill-Istati Membri:

(a) jfittxu fil-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess applikabbli u jikkonsultawhom;

(b) jaġġornaw il-listi tagħhom tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

2. Il-funzjonalità għandha tippermetti lill-Istati Membri jimmaniġġjaw il-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. L-eu-LISA għandha tiżgura d-disponibbiltà tal-aħħar verżjoni ta' dawk il-listi ikun meta jkun.

3. Il-modifiki kollha li jsiru fil-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-Istati Membri għandhom jiġu rreġistrati ċentralment fil-funzjonalità. L-Istati Membri jistgħu jżommu kopja tar-reġistri tagħhom fil-livell nazzjonali.

4. Il-funzjonalità għandha tippermetti lill-Istati Membri jaċċessaw u jfittxu r-reġistrazzjonijiet rilevanti għall-Istat Membru tagħhom fil-funzjonalità. L-aċċess u t-tfittxija tal-logs għandhom ikunu ristretti għall-persunal awtorizzat ta' dak l-Istat Membru li jkun awtorizzat kif xieraq.

5. L-utenti tal-funzjonalità jistgħu jużaw psewdonimi biex ifittxu, jikkonsultaw jew jaġġornaw il-listi tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawk il-psewdonimi għandhom ikunu traċċabbli għall-identitajiet uffiċjali tal-utenti fil-livell nazzjonali.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikabbiltà

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Id-dispożizzjonijiet f'din id-Deċiżjoni relatati mal-VIS għandhom japplikaw mid-data tal-bidu tal-operazzjonijiet tal-VIS skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1134.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN